Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(77/539/KEE)

(ĠU L 220, 29.8.1977, p. 72)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►M2	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/32/KE tal-11 ta' Ġunju 1997	L 171	63	30.6.1997
►M3	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►M4	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►A2	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A3	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A4	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(77/539/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi tal-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* mal-fanali tar-rivers;

Billi dawn ir-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi hu għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]), tiġi ntrodotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi fid-Direttiva 76/756/KEE ([4]), il-Kunsill stabbilixxa l-ħtiġiet komuni għall-installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

Billi proċedura armonizzata ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponentfir-rigward ta' fanali tar-rivers tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jivverifika l-konformità mal-ħtiġiet komuni tal-kostruzzjoni u l-ittestjar u biex jinforma lill-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent komplut għal kull tip ta'fanal tar-rivers; billi t-tqegħid ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq fanali tar-rivers kollha manifatturati b'konformità mat-tip approvat tneħħi kull ħtieġa għall-iċċekkjar tekniku fuq dawn il-fanali tar-rivers fl-Istati Membri l-oħra;

Billi hu mixtieq li jkunu kkunsidrati l-ħtiġiet tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU fir-Regolament tagħha Nru 23 ("Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta'fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom") ([5]) li hu mehmuż mal-Ftehim ta' l-20 ta' Marzu 1958 dwar l-adozzjoni tal-kondizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' l-approvazzjoni għall-tagħmir u partijiet ta' vetturi bil-mutur;

([1]) ĠU C 118, tas-16.5.1977, p. 29.
([2]) ĠU C 114, tal-11.5.1977, p. 3.
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
([4]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 1.
([5]) Dokument tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa E/ECE/324/E/ECE/-TRANS/505/Rev. 1/Add 22, ta' l-20.8.1971.

▼B

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw ma' vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tat-testijiet magħmula minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

▼M2

1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponentkomponent għal kull tip ta' fanal tar-rivers li jissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u l-ittestjar stabbiliti fl-Annessi rilevanti.

▼B

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponent għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat, safejn dan ikun meħtieġ u jekk meħtieġ b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra. Din il-verifika għandha tkun limitata għall-verifiki saltwarji.

Artikolu 2

▼M2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' fanal tar-rivers li huma japprovaw bis-saħħa ta' l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri fl-Anness I, Appendiċi 3.

▼B

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipprevjenu l-użu ta' marki li jistgħu joħolqu xi konfużjoni bejn il-fanali tar-rivers li jkunu ġew mogħtija l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1, u mezzi oħrajn.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali tar-rivers għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tagħhom jew il-metodu ta' kif dawn jaħdmu jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent.

2. Minkejja dan, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali tar-rivers li jkollhom il-marka għall-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu li jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni minnufih bil-miżuri meħuda, waqt li jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

▼M2

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, permezz tal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, b'kull approvazzjoni li huma jkunu taw, irrifjutaw jew irtiraw skond din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' fanali tar-rivers li jkollhom l-istess marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li hu jkun approva, dan għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassiigura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda li jistgħu, meta jkun hemm nuqqas konsistenti ta' konformità, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal- KEE ta' komponent. L-imsemmija awtoritajiet għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk ikunu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar bi kwalunkwe rtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u bir-raġunijiet għal dik il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, biex tiġi irrifjutata jew irtirata l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal xi fanal tar-rivers jew biex jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq jew l-użu tiegħu għandha tagħti fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-parti interessata, li għandha fl-istess waqt tiġi mgħarrfa bir-rimedji disponibbli lilha skond il-liġijiet li jkunu fis-seħħ fl-Istati Membri u bit-termini ta' żmien mogħtija għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' xi vettura għal raġunjiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali tar-rivers tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mwaħħla skond ir-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għal raġunjiet li għandhom x'jaqsmu mal- -fanali tar-rivers tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu mwaħħla skond ir-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

▼M2

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25 km fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-makkinarju mobbli kollu.

▼B

Artikolu 10

Kull emenda li hija meħtieġa sabiex jiġu addattati r-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M2**

LISTA TA' L-ANNESSI

L-ANNESS I: Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 1: Dokument ta' Informazzjoni

Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 3: Mudelli tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent

L-ANNESS II: Il-kamp ta' l-applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi

▼M2

L-ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TA' KOMPONENT

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE dwar xi tip ta' fanal tar-rivers għandha ssir mill-manifattur.

1.2. Fl-Appendiċi 1 qed jingħata mudell għad-dokument ta' informazzjoni.

1.3. Dawn li ġejjin għandhom jingħataw lis-servizz tekniku responsabbli li jagħmel it-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip:

1.3.1. Żewġ kampjuni mgħammra b'fanal jew fanali rakkomandati. Jekk il-mezzi mhumiex identiċi iżda huma ugwali u xierqa biex jitwaħħlu waħda fuq in-naħa tax-xellug u waħda fuq il-lemin tal-vettura, iż-żewġ kampjuni sottomessi jistgħu jkunu identiċi u jkunu xierqa biex jitwaħħlu biss fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug tal-vettura.

2. MARKI

2.1. Il-mezzi sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandu jkollhom:

2.1.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;

2.1.2. jekk meħtieġ sabiex ikun evitat kull żball fit-twaħħil tal-fanal tar-rivers fuq il-vettura, jkollhom il-kelma 'FUQ' immarkata orizzontalment fuq il-parti ta' fuq nett tal-wiċċ li jixgħel;

2.1.3. fil-każ tal-fanali li jkollhom is-sors tad-dawl li jista' jiġi mibdul: it-tip(i) tal-bozza tal-filament preskritta;

2.1.4. fil-każ tal-fanali li jkollhom is-sors tad-dawl li ma jistax jiġi mibdul: il-vultaġġ u *wattage* nominali.

2.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jinqraw sew u ma jitħassrux u għandhom ikunu mwaħħla mal-wiċċ li jixgħel, jew ma' wieħed mill-uċuh li jixgħelu, tal-mezz. Dawn għandhom ikunu jidhru minn barra meta l-mezz ikun mgħammar mal-vettura.

2.3. Kull mezz għandu jkollu spazju biżżejjed għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent. Dan l-ispazju għandu jkun indikat fuq id-disinni imsemmija fl-Appendiċi 1.

3. GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TAL-KOMPONENT

3.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti jkunu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk ikun applikabbli, 4 (4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

3.2. Fl-Appendiċi 2 qed jingħata mudell għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

3.3. Għandu jiġi assenjat numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għal kull tip ta' fanal tar-rivers approvat. L-istess Stat Membru ma jistax jassenja l-istess numru għal xi tip ieħor ta' fanal tar-rivers.

3.4. Meta l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tkun mitluba għal xi tip ta' mezz ta' dawl u ta' senjalazzjoni bid-dawl li jinkludi xi fanal tar-rivers jew fanali oħra, jista' jingħata numru wieħed ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent basta li l-fanal tar-rivers jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u kull wieħed mill-fanali l-oħrajn li jiffurmaw parti mill-mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li dwarhom tintalab l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jikkonforma mad-Direttiva separata li tapplika għalih.

▼M2

4. MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. B'żieda mal-marki msemmija fil-punt 2.1 kull fanal tar-rivers li jikkonforma ma' l-approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva għandu jkollu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti fi:

4.2.1. kwadru rettangolari li jdawwar l-ittra 'e' segwita bin-numru jew ittri li jiddistingwuha ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall-Isvezja

6 għall-Belġju

▼A4

7 għall-Ungerija

8 għar-Repubblika Ċeka

▼M2

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għal-Lussemburgu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

▼M3

19 għar-Rumanija

▼A4

20 għall-Polonja

▼M2

21 għall-Portuga

23 għall-Greċja

▼M4

25 għall-Kroazja

▼A4

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

29 għall-Estonja

32 għal-Latvja

▼M3

34 għall-Bulgarija

▼A4

36 għal-Litwanja

CY għal Ċipru

▼M2

IRL għall-Irlanda

▼A4

MT għal Malta;

▼M2

4.2.2. fil-viċinanza tal-kaxxa rettangulari in-‘numru ta’ l-approvazzjoni bażika’ li jinsab fit-taqsima 4 tan-numru ta’ l-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut b’żewġ ċifri li jindikaw in-numru ta’ sekwenza assenjat għall-emenda teknika maġġura l-aktar reċenti għad-Direttiva 77/539/KEE fid-data li ġiet mogħtija l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE. F’din id-Direttiva in-numru ta’ sekwenza hu 00;

4.2.3. simbolu addizzjonali li jikkonsisti fl-ittri ‘A’ u ‘R’, imħallta kif muri fil-figura 1 ta’ l-Appendiċi 3.

4.2.4. Fuq fanali li l-angoli tal-viżibbiltà tagħhom jkunu assimetriċi għar-rigward ta’ l-alinjament ta’ riferenza f’direzzjoni rrizzontali, vleġġa li tipponta lejn il-ġenb li fuqha l-kundizzjonijiet fotometriċi jkunu milħuqa sa angolu ta’ 45° H.

4.3. Il-marka ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent għandha titwaħħal fuq il-lenti tal-fanal jew fuq waħda mil-lentijiet b’tali mod li ma titħassarx u li tkun tidher b’mod sew meta l-fanali ikunu mwaħħla mal-vettura.

4.4. Eżempji tal-marka ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent huma mogħtija fl-Appendiċi 3, Figura 1.

4.5. Meta jinħareġ numru wieħed ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent, kif indikat fil-punt 3.4 ta’ hawn fuq, għal xi tip ta’ mezz ta’ dawl u ta’ sinjalazzjoni bid-dawl li jkun fih xi fanal tar-rivers u fanali oħra, tista’ titwaħħal marka waħda ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent, li jkun fiha:

4.5.1. kwadru rettangolari li jdawwar l-ittra ‘e’ segwita bin-numru li jiddistingwiha jew ittri ta’ l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip (ara punt 4.2.1);

4.5.2. in-numru ta’ l-approvazzjoni bażika (ara punt 4.2.2, l-ewwel nofs tas-sentenza);

4.5.3. jekk meħtieġ, il-vleġġa meħtieġa, safejn din tirreferi għall-assemblaġġ tal-fanal b’mod sħiħ.

4.6. Din il-marka tista’ tkun tinstab kullimkien fuq il-fanali li jkunu raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament, sakemm:

4.6.1. din tkun viżibbli wara li jitwaħħlu l-fanali;

4.6.2. l-ebda komponenti li jitrasmettu d-dawl tal-fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament ma jistgħu jitneħħew mingħajr ma titneħħa l-marka ta’ l-approvazzjoni fl-istess ħin.

4.7. Is-simbolu ta’ identifikazzjoni għal kull fanal li jikkorrispondi għal kull Direttiva li bis-saħħa tagħha l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent tkun ingħatat, flimkien man-numru ta’ sekwenza (ara punt 4.2.2, it-tieni nofs tas-sentenza) u, meta meħtieġ, l-ittra ‘D’ u l-vleġġa meħtieġa għandhom ikunu mmarkati:

4.7.1. jew fuq il-wiċċ proprju li jitrasmetti d-dawl;

4.7.2. jew f’xi grupp, b’tali mod li kull waħda mill-fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament jistgħu jkunu identifikati b’mod ċar.

4.8. Il-qisien tal-komponenti ta’ din il-marka m’għandhomx ikunu anqas mill-qisien minimi speċifikati għall-marki individwali mid-diversi Direttivi li bis-saħħa tagħhom tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent.

4.9. Eżempji ta’ marka ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta’ komponent għal fanal li huwa raggruppat, kombinat jew inkorporat reċiprokament ma’ fanali oħrajn jinsabu fl-Appendiċi 3, Figura 2.

▼**M2**

5. MODIFIKI TAT-TIP U L-EMENDI GĦAL APPROVAZZJONIJIET

5.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat bis-saħħa ta' din id-Direttiva, għandhom jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.

6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

6.1. Bħala regola ġenerali, l-miżuri biex tkun assigurata l-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

6.2. Kull fanal tar-rivers għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet fotometriċi speċifikati fil-paragrafi 6 u 8 [1]. Minkejja dan, fil-każ ta' xi fanal tar-rivers magħżul saltwarjament bħala kampjun minn serje ta' produzzjoni, il-ħtiġiet dwar l-intensità minima tad-dawl li jiġi trasmess (imkejjel permezz ta' bozza b'filament standard kif imsemmi fil-paragrafu 7 [1]) għandhom jkunu limitati f'kull direzzjoni rilevanti għal 80 % tal-valur minimu preskritt fil-paragrafu 6 [1],

[1] tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness II tad-Direttiva preżenti.

▼**M2**

Appendiċi 1

Dokument ta' Informazzjoni Nru...

li jirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ta' fanali tar-rivers

(Direttiva 77/539/KEE, kif l-aħħar emendata bid-direttiva.../.../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali: .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, ...

il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

1. DESKRIZZJONI TAL-MEZZ

1.1. Tip ta' mezz: .....

1.1.1. Funzjoni(jiet) tal-mezz: .....

1.1.2. Kategorija jew klassi tal-mezz: .....

1.2.3. Kulur tad-dawl li joħroġ jew li jkun rifless: .....

1.2. Disinn(i) f'dettall biżżejjed li jippermettu identifikazzjoni tat-tip tal-mezz u li juri(juru) .....

1.2.1. f'liema pożizzjoni ġeometrika l-mezz għandu jkun imwaħħal fuq il-vettura (ma jgħoddx għall-fanali ta' fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni li tkun fuq wara): .....

1.2.2. l-assi ta' l-osservazzjoni li għandu jittieħed bħala l-alinjament ta' riferenza fit-testijiet (angolu orizzontali H = 0°, angolu vertikali V = 0°) u l-punt li għandu jittieħed bħala ċ-ċentru tar-riferenza fl-imsemmija testijiet (ma jgħoddx għall-mezzi retro-rifletturi u l-fanali li jkunu fuq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu fuq wara .....

1.2.3. il-pożizzjoni maħsuba għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent .....

1.2.4. għall-fanali li jkunu fuq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu fuq wara, il-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz meta mqabbel ma' l-ispazju li għandha tieħu l-pjanċa tar-reġistrazzjoni, u l-bordura taż-żona li tkun imdawla kif jixraq: .....

1.2.5. għall-*headlamps* u l-fanal taċ-ċpar ta' quddiem, veduta minn naħa ta' quddiem tal-fanali bid-dettalji tar-*ribbing* tal-lenti, jekk ikun hemm, u l-*cross section*: .....

1.3. Deskrizzjoni teknika fil-qosor li tiddikjara, b'mod partikolari, bl-eċċezzjoni tal-fanali li ma jkollhomx sorsi tad-dawl li jistgħu jinbidlu, l-kategorija jew kategoriji tas-sorsi tad-dawl preskritti li għandhom ikunu waħda jew aktar minn dawk li jinsabu fid-Direttiva 76/761/KEE (ma jgħoddx għall-mezzi retro-rifletturi): .....

▼**M2**

1.4. Informazzjoni Speċifika .....

1.4.1. Għar-rigward ta' fanali li jkunu fuq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu fuq wara, dikjarazzjoni li tgħid jekk il-mezz ikunx maħsub li jdawwal pjanċa wiesa'/għolja/kemm wiesa' u għolja: .....

1.4.2. Għal *headlamps*, ...

1.4.2.1. informazzjoni jekk il-*headlamp* tkunx maħsuba li tipprovdi kemm raġġ *dipped* u raġġ prinċipali jew biss wieħed minn dawk ir-raġġi: .....

1.4.2.2. informazzjoni fil-każ li l-*headlamp* tkun maħsubha li tipprovdi raġġ *dipped*, jekk tkun iddisinjata kemm għat-traffiku fuq in-naħa tax-xellug u fuq in-naħa tal-lemin jew kemm għal traffiku fuq in-naħa tax-xellug biss jew fuq in-naħa tal-lemin biss:.. .....

1.4.2.3. jekk il-*headlamp* ikun mgħammar b'riflettur li jista' jkun aġġustat, indikazzjoni tal-pożizzjoni(jiet) ta' muntaġġ tal-*headlamp* meta mqabbla ma' l-art u l-pjan medjan longitudinali tal-vettura, jekk il-*headlamp* ikun se jintuża f'dik(dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss: .....

1.4.3. Għal fanali ta' pożizzjoni, fanali ta' waqfien u indikaturi tad-direzzjoni, ...

1.4.3.1. jekk il-mezz jista' jintuża wkoll fl-immuntar ta' żewġ fanali ta' l-istess kategorija: .....

1.4.3.2. fil-każ ta' xi mezz b'żewġ livelli ta' intensità (fanali ta' waqfien u indikaturi tad-direzzjoni tal-kategorija 2b), diagramm tat-tqassim u qisien tal-karatteristiċi tas-sistema li tassigura ż-żewġ livelli ta' intensità: .....

1.4.4. Għal mezzi retro-rifletturi, deskrizzjoni fil-qosor li tagħti l-qisien tekniċi tal-materjali ta' l-unità ottika retro-riflettiva: .....

1.4.5. Għal fanali tar-rivers, dikjarazzjoni dwar jekk il-mezz ikunx maħsub li jkun stallat fuq xi vettura esklussivament f'par mezzi: .....

▼**M2**

Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni dwar
— l-approvazzjoni tat-tip (1)

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

— iċ-ċahda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

ta' xi tip ta' xi vettura/komponent/unità teknika separata (1) għar-rigward tad-Direttiva…/…/KEE, kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva…/…/KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: ……

Raġuni għall-estensjoni: ……

TAQSIMA I

0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): ……

0.2. Tip u deskrizzjoni (jiet) kummerċjali ġenerali: ……

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (2): ……

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: ……

0.4. Kategorija tal-vettura (1) (3): ……

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: ……

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: ……

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:. ……

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (jekk ikun il-każ): Ara l-Addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: ……

3. Data tar-rapport tat-test: ……

4. In-Numru tar-rapport tat-test: ……

5. Kummenti (jekk ikun hemm): Ara l-Addendum

6. Post: ……

▼**M2**

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu '?': (e.ż. ABC??123??).
(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼**M2**

Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru…

li jirrigwarda t-tip approvat ta' komponent ta' mezz ta' dawl u/jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl fir-rigward tad-Direttiva(i) 76/757/KEE; 76/758/KEE; 76/759/KEE; 76/760/KEE; 76/761/KEE; 76/762/KEE; 77/538/KEE; 77/539/KEE u 77/540/KEE [1] kif emendati l-aħħar permezz tad-Direttiva(i)…

1. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

1.1. Meta jkun il-każ, indika għal kull fanal

1.1.1. Il-kategorija(i) tal-mezz(i): ……

1.1.2. In-numru u l-kategorija tas-sorsi tad-dawl (mhux applikabbli għal retro-riflettur) [2]……

1.1.3. Il-kulur tad-dawl li joħroġ jew li jkun rifless: ……

1.1.4. L-approvazzjoni tingħata biss għall-użu bħala parti ta' tibdil fuq vetturi li diġa qed joperaw: Iva/Le [1]……

1.2. Informazzjoni speċifika għal ċerti tipi ta' mezzi ta' dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl ……

1.2.1. Għall-mezzi retro-rifletturi: F'iżolament/parti minn xi assemblaġġ ta' mezzi [1]……

1.2.2. Għall-fanali fuq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu fuq wara: Mezz li jdawwal pjanċa twila/pjanċa wiesgħa [1]…..

1.2.3. Għal *headlamps*: jekk mgħammra b'riflettur li jista' jkun aġġustat, il-pożizzjoni(jiet) ta' muntaġġ tal-*headlamp* meta mqabbla ma' l-art u l-pjan medjan longitudinali tal-vettura, jekk il-*headlamp*ikun se jintuża f'dik(dawk) il-pożizzjoni(jiet) biss: ……

1.2.4. Għal fanali tar-rivers: Dan il-mezz għandu jkun stallat fuq xi vettura biss bħala parti minn par mezzi: Iva/Le [1].

……

5. RIMARKI

5.1. Disinni

5.1.1. Għall-fanali fuq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu fuq wara: in-Nru tad-disinn mehmuż ……. juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha għandu jitwaħħal il-mezz meta mqabbel ma' l-ispazju li għandha tieħu l-pjanċa tar-reġistrazzjoni, u l-bordura taż-żona li tkun imdawla kif jixraq;

5.1.2. Għall-mezzi retro-rifletturi: in-Nru. tad-disinn mehmuż juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-mezz għandu jkun imwaħħal mal-vettura;

5.1.3. Għall-mezzi l-oħrajn kollha ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl: in-Nru. tad-disinn mehmuż … juri l-pożizzjoni ġeometrika li fiha l-mezz għandu jkun imwaħħal mal-vettura, u l-assi tar-riferenza u ċentru tar-riferenza tal-mezz.

5.2. Għal *headlamps*: mod ta' operazzjoni użat matul it-test (punt 5.2.3.9. ta' l-Anness I tad-Direttiva 76/761/KEE): . .

[1] Ħassar fejn ma japplikax


[2] Għall-fanali li s-sorsi tad-dawl tagħhom ma jiġux mibdula, indika n-numru u l-wattage globali tas-sorsi tad-dawl.

▼**M2**

Appendiċi 3

EŻEMPJI TA' L-APPROVAZZJONI TAL-MARKA TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

Figura 1



Il-mezz li jkollu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent muri hawn fuq hu fanal tar-rivers, li t-tip tiegħu hu approvat fil-Ġermanja (e1) skond din id-Direttiva (00) skond in-numru bażi ta' approvazzjoni 1471. Il-vleġġa tindika l-ġenb li fuqu l-qisien fotometriċi meħtieġa ġew milħuqa sa angolu ta' 45°H.


▼M2

Figura 2


Marka simplifikata ta' fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament meta żewġ fanali jew aktar ikunu parti mill-istess assemblaġġ

(Il-linji vertikali u orizzontali jifformaw il-forma tal-mezz ta' dawl ta' sinjalazzjoni. Dawn mhumiex parti mill-marka ta' l-approvazzjoni).


MUDELL A



MUDELL B



MUDELL C



▼**M2**

Nota: It-tliet eżempji ta' marki ta' approvazzjoni, mudelli A. B. u C jirrappreżentaw varjanti possibbli tal-marka ta' xi mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl meta żewġ fanali jew aktar ikunu parti mill-istess unità ta' fanali raggruppati, kombinati jew inkorporati reċiprokament. Din il-marka ta' approvazzjoni turi li l-mezz kien approvat fil-Ġermanja (el) skond in-numru bażi ta' approvazzjoni 1712 u tinkorpora:

Retro-riflettur ta' klassi IA approvat skond id-Direttiva 76/757/KEE, sekwenza Nru 02;

Indikatur tad-direzzjoni ta' wara ta' kategorija 2a approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/759/KEE (ĠU Nru L 262, tas-27.9.1976, p. 32);

Fanal tal-pożizzjoni ta' wara aħmar (R) approvat skond l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/758/KEE (ĠU Nru L 262, tas-27.9.1976, p. 70), sekwenza Nru 02;

Fanal taċ-ċpar ta' wara (F) approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/538/KEE (ĠU Nru L 262, tas-27.9.1976, p. 54);

Fanal tar-rivers (AR) approvat skond id-Direttiva 77/539/KEE, sekwenza Nru 00;

Fanal ta' waqfien b'żewġ livelli ta' intensità (S2) approvat skond l-Anness II tad-Direttiva 76/758/KEE sekwenza Nru 02;

Fanal tal-pjanċa tar-reġistarazzjoni ta' wara (L) approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/760/KEE (ĠU Nru L 262, tas-27.9.1976, p. 85), sekwenza Nru 00;

▼**M2**

L-ANNESS II

IL-KAMP TA' L-APPLIKAZZJONI U L-ĦTIĠIET TEKNIĊI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Din id-Direttiva tgħodd għal fanal tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.

2. ĦTIĠIET TEKNIĊI

2.1. Il-ħtiġiet tekniċi huma dawk stabbiliti fil-paragrafi 1, 5 sa 8 u l-Annessi 3 u 4 tar-Regolament Nru 23 UN-ECE li hu magħmul mill-konsolidazzjoni tad-dokumenti li ġejjin:

— ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu (00) li jiġbor fih is-Supplimenti 1 sa 4 tar-Regolament Nru 23 u Korrezzjoni ([1])

— Suppliment 5 għar-Regolament 23 ([2])

minbarra li:

2.1.1. Fejn issir riferenza għal "Regolament Nru 48", din għandha tinftiehem bħala riferenza għal "Direttiva 76/756/KEE".

2.1.2. Fejn issir riferenza għal "Regolament Nru 37", din għandha tinftiehem bħala "L-Anness VII tad-Direttiva 76/761/KEE".

2.1.3. Fil-paragrafu 6.4, it-taqsima ta' qabel ta' l-aħħar, is-sentenza "(ara paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament)" għandha tinftiehem bħala "(ara Appendiċi 1 ta' l-Anness 1 ta' din id-Direttiva)".

2.1.4. Fil-paragafu 6.4, l-aħħar taqsima, is-sentenza "dikjarazzjoni fil-paragrafu 11 'Kummenti' tal-forma ta' Komunikazzjoni (ara l-Anness I ta' dan ir-Regolament)" għandha tinftiehem bħala "dikjarazzjoni fl-Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip (ara l-Appendiċi 2 ta' l-Anness I ta' din id-Direttiva)".

([1]) E/ECE/324 E/ECE/TRANS/505 } Rev. 1/Add. 22/Rev. 1.

([2]) *E/ECE/324 E/ECE/TRANS/505* } *Rev. 1/Add. 22/Rev. 1/Amend. 1.'*